# L-Għargħar ta' Bormla



Anton Attard

Wieħed mill-ħafna episodji fil-ġrajjiet ta' Bormla li ġibed ħarset il-Maltin fuq din il-belt, seħħ 141 sena ilu, b'dak li baqa' magħruf bħala 'id-Dulluvju ta' Bormla'.

Qrib nofs is-sittinijiet tas-seklu dsatax, l-ammiraljat, kien għalaq ix-xatt ta' Bormla, wara li nbnew diversi ħwienet tax-xogħol qrib il-baċir Nru 1. Dan wassal biex ġiet magħluqa t-triq naturali li kien jaqbad l-ilma tax-xita biex jispiċċa fil-baħar. Nies midħla ta' din ix-xaqliba ntebħu mill-bidu li l-kanali li kienu saru biex minnhom jgħaddi l-ilma li soltu jinżel lejn din in-naħa baxxa ta' din il-belt wara xi ħalba xita qawwija, ma kinux biżżejjed. Kienu tressqu diversi petizzjonijiet u memoranda dwar il-periklu li nħoloq. Dan jikkonfermah il-ġurnal *Portafoglio Maltese* li, f'waħda mill-ħarġiet tiegħu kien inkiteb li l-Awtoritajiet baqgħu ma tawx widen għall-ilmenti u s-suġġerimenti li saru. B'riżultat ta' hekk, kienet seħħet dik li setgħet spiċċat fi traġedja ħafna akbar minn dik li għaddiet minnha din il-belt ftit wara. L-istess ġurnal, għalhekk, ma qagħadx ilaqlaq biex jitfa' l-ħtija ta' dak li ġara fuq il-Gvern tal-ġurnata.

Ironikament, fl-1869, il-Għejjer Maltin kienu għaddejjin minn nuqqas ta' xita tant li kien hemm il-biża' li n-nies tax-xaqliba t'isfel, speċjalment dawk tal-Belt Valletta kienu ser jisfaw mingħajr qatra ilma fi bjarhom. Iżda l-Ħadd 10 ta' Ottubru ta' dik is-sena, meta f'Bormla kienet qed tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Mikiel, infetħu bwieb is-sema u għal sitt sigħat sħaħ ix-xita bil-qliel li għamlet werwret lil kulħadd u kkawżat ħsarat f'diversi nħawi. L-aktar li marret ħażin kienet Bormla. Xmajjar ta' ilma minn fuq Santa Margerita, min-naħa ta' Kordin u minn dik li llum hija l-Fgura, minħabba li kien ingħalaq l-isfog naturali lejn il-baħar, l-ilmijiet inġemgħu kollha fi *Piazza Gavino Gulia* u t-triqat qrib, fosthom *Strada Nuova* u *Strada Arsenaie* li kollha spiċċaw taħt sitt piedi ilma.

Fi triqtu 'l isfel, l-ilma kaxkar kulma sab quddiemu nklużi għamara mid-djar u magħhom bhejjem li kien hemm fl-irziezet ta' dawk l-inħawi. Dak il-ħin, ma kontx tara ħlief paniku sħiħ. Ħafna missirijiet b'uliedhom f'dirgħajhom u magħhom in-nisa mwerwrin, li meta kien possibbli, jaħarbu minn djarhom u jħaffu lejn imkejjen fil-għoli ħielsa mill-periklu. Mix-xaqliba tal-Fgura tant niżel ilma b'saħħa li, minn barra ħsarat strutturali f'bosta djar, il-pont tqil li kien hemm f'Bieb il-Porvlista, li fl-antik minn fuqu minn Bormla kont toħroġ 'il barra mis-swar tal-Kottonera, tqaċċat minn postu u tkaxkar mal-kurrent. Il-kwantità ta' ilmijiet li niżlu minn din ix-xaqliba fawru l-ġibjuni li kienu saru fuq Santa Liena mill-inġinieri Ingliżi Tucker u Elliot bejn l-1849 u l-1862. Biżżejjed tgħid li dawn bejniethom kien ikkalkulat li jiġbru fihom 19000 tunellata ilma. Il-kawża 51



**Il-mina ta' Santa Liena qabel infetħu ż-żewġ mini tal-ġnub.**

ta' dan kollu kien dak li pprevedew ir-rappreżentanti tal-Bormliżi minn żmien qabel fil-petizzjoni li kienu ressqu lill-Amministrazzjoni. Ħafna sostnew li kien minn Alla li dan ma seħħx bil-lejl għax kieku r-riżultat kien ikun ħafna agħar. Dakinhar, żgur li l-Immakulata żammet idejha fuq nies beltha.

B'fortuna, ma kienx hemm imwiet għax dawk li ma setgħux joħorġu minn djarhom, inħarġu permezz tad-dgħajjes li pprovdew il-barklori. F'uħud mill-ġurnali, il-pulizija ġew imfaħħra għal ħidmiethom waqt is-salvataġġ, iżda kittieba oħra ma qablux ma' dan. Inkiteb li l-pulizija tax-xatt damu ma ħabirku biex jinfetaħ bieb it-Tarzna, li hemm fi Pjazza Gulia u magħhom il-kexxun tal-baċir Nru. 1. Sostnew li dan għamluh wara protesti mqanqla min-nies irrabjati. Kien wara li l-Ammiraljat għamel dan li l-ilma għoli li nġema' fil-pjazza u fit-triqat qrib, mexa u spiċċa fil-baħar.

Fil-ġurnali kien inkiteb li trid tara b'għajnejk biex temmen il-ħsarat li saru. Kien stmat li dawn ser ilaħħqu mal-2000 lira sterlina, li dik il-ħabta kienet somma kbira.

Il-Ħadd wara nofsinhar żar il-postijiet milquta l-Gvernatur Patrick Grant, li meta ra d-diżastru li kien hemm ordna li tiġi avvanzata somma flus biex jibda x-xogħol ħalli jitneħħa immedjatament il-materjal li kienu kaxkru magħhom l-ilmijiet lejn il-pjazza u t-triqat qrib u jibdew it-tiswijiet l-aktar urġenti, minħabba l-istat perikoluż li spiċċaw fih uħud mid-djar, ħwienet u rziezet.

Fl-istess waqt, l-Onor. Sciortino, rappreżentant tad-distrett fil-Kunsill tal-Gvern, talab li tissejjaħ laqgħa straordinarja biex fiha tintalab spjegazzjoni minn min hu responsabbli, x'wassal għal dan id-diżastru. Ippropona li l-Kunsill jordna li jsir studju immedjat biex jinstabu mezzi xierqa ħalli traġedja simili ma terġax isseħħ. Fl-istess ħin ħeġġeġ lill-

membri biex ma jixxaħħux meta jiġu għall-approvazzjoni tal-flus meħtieġa biex, kmieni kemm jista' jkun, tkompli t-tiswija tal-ħsarat estensivi li kienu saru.

Riżultat ta' ħidmet Sciortino u sorsi oħra, kienu żdiedu aktar kanali mgħottijin bi spralli, biex l-ilma ma jinġamax u jkun jista' jiżblokka b'ħeffa lejn il-baħar. Fl-istess ħin, kellhom jittieħdu passi biex dawn jiżammu kontinwament ħielsa minn kull materjal li jista' jintrama' fihom. Flimkien ma' dawn, bħala miżura preventiva oħra kien hemm ukoll żieda ta' ġibjun ieħor bejn il-*Bieb ta' Santa Liena* u l-*Porvlista*, xogħol l-inġinier famuż, Emmanuel Galizia. Il-għan kien li jiġbor fih ilma li jinżel mix-xaqliba tal-Fgura u l-inħawi qrib u b'hekk jonqos milli jinġama' fi Pjazza Gulia u t-toroq viċin.

Jidher li dawn il-miżuri ħallew riżultat pożittiv għax mhux magħruf li Bormla għaddiet minn traġedja simili fis-snin li ġew wara.

**Biblijografija**


*The Malta Observer* 11 u 14 ta' Ottubru 1869.
*Portafoglio Maltese* 12 ottobre 1869.
*Bollettino Commerciale* 11 ottobre 1869.
Castagna P.P., *Lis Storia ta' Malta bil-Gzejer Tahha*, Vol.1, p.108.



